MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2972/2002

**Avviz Numru 2972/02 AJD**
**Marsalite Limited**

**vs**

**A.T.C. Plastics Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm354.00) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjet' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 6 ta' Lulju 1998 u l-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2002 u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'Nazzareno Cauchi, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm354.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sl-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------